**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 26 ta' Ottubru, 2021**

**Referenza Kostituzzjonali Nru: 154/2019 AF**

**Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Keith Gravina**

Il-Qorti:

Rat ir-referenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Awwissu 2019 (**Maġistrat Rachel Montebello**) li permezz tagħha dik il-Qorti wara li semgħet lid-difiża u lill-Kummissarju tal-Pulizija ordnat illi l-kwistjoni tintbagħat quddiem din il-Qorti sabiex jiġi determinat:

1. *'Jekk l-applikazzjoni legali tassattiva tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali kwantu għall-piena prevista għall-ksur tal-kundizzjoni partikolari li jinsab mixli bih l-imputat, iwassalx jew x'aktarx tista' twassal għal riżultat sproporzjonat bi ksur tad-dritt tal-imputat taħt l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni; u*

2. *Jekk id-diskrezzjoni mħollija lill-prosekuzzjoni li tagħżel hi mingħajr referenza għall-ebda kriterji stabbiliti, jekk tressaqx lill-imputat (a) taħt is-subartikolu (1) tal-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali f'liema każ il-Qorti, skont il-gravita` tal-kundizzjoni li ma ġietx imħarsa, tista' tagħżel li ma tapplika ebda konsegwenza jew li tiggradwa s-serjeta tal-ksur u timmitiga l-konsegwenzi tiegħu, jew (b) bir-reat taħt is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu bil-pieni tassattivi applikabbli indiskriminatament f'kull każ ta' ksur, kif effettivament għamlet fil-każ odjern, liema żewġ disposizzjonijiet joħolqu parametri differenti ta' pieni, hijiex leżiva jew tistax twassal għal ksur, tad-dritt tal-imputat sanċit fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.'*

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha wieġeb illi:

Permezz ta' referenza odjerna il-Qorti Referenti fid-digriet taghha tas-26 t'Awwissu 2019 baghtet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistabilixxi:

1. Jekk l-applikazzjoni tassativa fl-artikolu 579(2) tal-Kap 9 kwantu piena prevista ghall-ksur tal-kundizzjoni partikolari li jinsab mixli bih l-imputat *qua* rikorrent

iwassalx jew x'aktarx tista' twassal ghal sproporzjon bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u

2. Jekk id-diskrezzjoni moghtija lill-prosekuzzjoni li taghzel hi minghajr ebda kriterji stabbiliti jekk tressaqx lill-imputat (a) taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 579 jew b) bir-reat taht is-subartikolu (2) tal-istess artikolu bil-pieni tassattivi applikabbli indiskriminatament f'kull kaz ta' ksur liema zewg dizpozizzjonijiet joholqu parametric tal-pieni differenti hijiex leziva jew tistax twassal ghal-ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Bhala fatti l-aktar relevanti ghal-vertenza odjerna jirrizulta li l-imputat *qua* rikorrenti tressaq bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Awwissu 2019 akkuzat li kiser l-kondizzjonijiet moghtija ghal-helsien mill-arrest mill-Magistrat Audrey Demicoli fis-16 ta' Mejju 2019 fejn allegatament huwa ma baqax jiffirma gewwa l-ghassa tal-Belt kif kien obbligat li jaghmel kuljum skont l-istess *bail conditions*. Dan huwa reat kontemplat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 li jghid is-segwenti:

*2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

*3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġimressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.*

L-artikolu 579 jahseb ghal-sitwazzjoni fejn persuna li tkun inghatat helsien mill-arrest taht garanzija, tista' titlef dik il-garanzija u tista' titlef ukoll il-helsien moghti jekk kemm il-darba tonqos skond xi wahda mill-kundizzjonijiet mahsuba fl-ewwel inciz sakemm il-Qorti ma tqisx li tali nuqqas ma jkunx wiehed serju. Fit-tieni sub-inciz imbghad il-ligi qeghda tipprovdi li f'kaz ta' ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet maghmulin fid-digriet li jkun ta l-helsien mill-arrest, isir ukoll reat li jgib mieghu l-possibilità ta' multa jew piena ta' habs u l-konfiska ta' garanzija f'kaz ta' sejbien ta' htija. Fit-tielet sub-inciz imbaghad il-ligi qeghda taghti is-setgha lill-pulizija jitolbu lill-Qorti r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mil-gdid tal-persuna imputata. Mhux kontestat ukoll li l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jistghu jitqiesu applikabbli ghall-kaz odjern minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 586 tal-Kap 9 li jghid li jekk ma jsirx hlas tas-somma li inghatat bhala garanzija, l-imputat jew l-akkuzat ghandu jinzamm f'detenzjoni ghal zmien ta' mhux aktar minn gurnata ghal kull €11.65 ta' dik is-somma.

L-esponent jishaq li ma hemm xejn sproporzjonat fl-imposizzjoni ta' tali pieni ghal dan ir-reat kriminali. Meta l-imputat inghata l-helsien mill-arrest mill-Magistrat Audrey Demicoli fis-16 ta' Mejju 2016 huwa kellu joqghod ghal-diversi kundizzjonijiet u ghamel tajjeb ghal-helsien mill-arrest billi ghadda garanzija personali ta' 3,000 Ewro. Skont l-istess digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati hemm imnizzel car u tond x'inhuma l-konsegwenzi f'kaz li l-imputat ma joqghodx ghal-kondizzjonijiet imposti. Fil-fatt fid-digriet hemm imnizzel is-segwenti: *F'kaz li l-persuna imputata/akkuzata tikser wahda jew aktar minn wahda minn dawn l-obbligazzjonijiet hawn fuq imsemmija, titlef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jinhareg mandat ta' arrest kontra taghha u s-somma totali ta 3,000 euro tghaddi favur il-gvern ta' Malta, skond ma jinghad fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali*. Apparti hekk fl-istess digriet l-imputat ikun iddikjara u iffirma li jekk jikser xi wahda jew aktar minn wahda mill-obbligazzjonijiet, l-ammont totali tal-garanzija ikun dovut u jghaddi favur il-Gvern ta' Malta. Il-garanzija li tinghata mhix "obbligazzjoni kuntrattwali", izda garanzija marbuta mat-twettiq tal-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti. Mela hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn ir-rikorrent mhux talli kien jaf bil-konsegwenzi f'kaz li jikser il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest izda

sahansitra obbliga ruhu li josservahom. Naturalment jekk wara persuna tonqos milli tosserva l-kondizzjonijiet tal-*bail* hi trid tassumi r-responsabilità ta' ghemilha u l-konsegwenzi kollha li tali nuqqas igieb mieghu. L-iskop li wiehed jaghti garanzija hija proprju li tkun ukoll ta' deterrent sabiex l-kondizzjonijiet jigu osservati ghax jekk ma jigux osservati ikun hemm konsegwenzi inkluz l-konfiska tas-somma.

Meta r-rikorrent ta l-garanzija kien jaf perfettament ghalxiex kien diehel u zgur li ma jistax jigi argumentat li ma kienx jaf x'tghid il-ligi ghax il-ligi hija cara hafna. L-azzjoni li hadet il-prosekuzzjoni hija konsegwenza diretta tal-agir tal-istess rikorrenti meta dan ghazel allegatament li jikser il-kundizzjonijiet tal-bail tieghu.

Minn qari tal-artikolu 579(2) il-ligi taghti ghazla lill-Qorti dwar x'piena ghandha timponi u cioè *il-piena ta' multa* <u>*jew*</u> *ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn,* <u>*jew*</u> *għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

Il-piena stabbilita mill-artikolu 579(2) inkluz il-konfiska tal-garanzija hija wahda li taqa' perfettament fil-jedd tal-Istat li jimponi pieni ghal ksur tal-ligi specjalment f'kazijiet fejn persuna tkun kisret obbligazzjoni imposta fuqha mill-Qorti.

Ghalhekk m'hemmx vjolazzjoni tal-jeddijiet imsemmija mill-Qorti Referenti.

It-tieni mistoqsija f'din ir-referenza tirrigwarda d-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni jekk tmexxix kontra persuna b'dak li jipprovdi l-artikolu 579(1) tal-Kap 9 jew bir-reat kif kontemplat bl-artikolu 579(2) u dan bi ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-artikolu 7 jghid is-segwenti:

> *"Hadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

> *(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati."*

Bħala punt ta' tluq huwa prinċipju stabbilit li biex wieħed ikun jista' jinvoka favur tiegħu l-protezzjoni taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni huwa meħtieġ li dak li jkun ikun instab ħati ta' reat li ma jkunx kontemplat fil-liġi u li jkun ġie espost għall-piena li tkun eħrex minn dik li tkun applikabbli skont l-istess liġi. Jgħidu dwar dan il-punt l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fl-opra tagħhom, *Law of the European Convention on Human Rights, (*it-tieni edizzjoni paġna 332) li, *"The wording of Article 7(1) is limited to cases in which a person is ultimately 'held guilty' of a criminal offence* (*X v Netherlands No 7512/76*)*. A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7 – at least not by means of an individual application* (*X v UK No 6056/73)*".

Ibda biex dan l-artikolu ma japplikax ghal-kaz tar-rikorrent Gravina ghaliex hu ghadu ma nstabx hati ta' reat kriminali peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti. Huwa naturali li biex jista' jitqajjem każ taħt dawn l-artikoli, l-ewwelnett għandu jkun hemm sejbien ta' ħtija u konsegwentement għotja finali ta' piena. F'dan il-każ il-kawża għadha mhux magħluqa. Għalhekk fil-fehma tal-esponenti, anke fuq is-saħħa tal-ġurisprudenza u d-duttrina Ewropea fuq imsemmija, il-kwistjoni mqanqla mir-rikorrent għandha titqies bħala waħda prematura għaliex ilment taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Malta jista' jiġi mistħarreġ biss wara li jingħalqu l-proċeduri kriminali.

Fi kwalunkwe kaz zgur li hawnhekk m'ghandniex sitwazzjoni fejn f'kaz ta' sejbien ta' htija, ir-rikorrent jista' jargumenta li l-att jew l-omissjoni tieghu ma jikkostitwixxux reat kriminali. Kif digà intqal precedentement ir-reat ta' ksur tal-kundizzjonjiet tal-helsien mill-arrest huwa wiehed u huwa definit bl-artikolu 579 (2) tal-Kap 9 li fih hemm imnizzel fhiex jikkonsisti r-reat u l-pieni applikabbli f'kaz ta' sejbien ta' htija. Meta l-prosekuzzjoni jidrilha li persuna tkun kisret l-kondizzjonijiet tal-*bail* il-persuna involuta tkun taf perfettament li l-konsegwenzi huma dawk li

jistabilixxi l-artikolu 579(2) inkluz il-konfiska favur il-Gvern tal-garanzija.  L-elementi tar-reat huma ben delineati u l-parametri tal-piena (bracket of punishment) huma previdibbli meta wiehed jaqra l-artikolu 579(2).  Meta r-rikorrent allegatament kiser il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kien jaf x'kienu l-konsegwenzi u ghalhekk t-test stabbilit f'Jorgic v. Germany gie sodisfatt, in kwantu l-attur/imputat seta' fiz-zmien relevanti ragjonevolment jipprevedi, anke bl-ghajnuna ta' avukat, illi kien qed jirriskja li jigi akkuzat u kkundannat ghar-reati in kwistjoni, u li jista' jehel il-piena stabbilita mill-artikolu 579(2) jekk jinstab hati tal-istess reat.

L-artikolu 579(1) ghalkemm huwa wkoll jirreferi ghal-ksur tal-*bail conditions* però dan mhuwiex l-artikolu li johloq ir-reat u ghalhekk mhuwiex applikabbli fl-analizi li trid issir dwar jekk hemmx ksur tal-artikolu 7.

Jidher li l-Qorti Referenti ibbazat id-decizjoni li tirreferi din il-mistoqsija lil din l-Onorabbli Qorti minhabba dak li tghid il-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza Camilleri vs Malta fejn tidhol id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali f'kazijiet ta' droga.  Però kif ser jigi spjegat f'dettal fil-kors tas-smigh u trattazzjoni tal-kawza, kien hemm okkazzjonijiet fejn il-Qrati Maltin iddipartixxu minn dik is-sentenza (ara *Mark Charles Kenneth Stephens vs. Avukat Generali* 16/10/2017 tal-Qorti Kostituzzjonali).

Isegwi ghalhekk li l-ebda dritt garantit permezz tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni ma gie mittiefes.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat illi r-referenza tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Rat in-nota tal-Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat li l-fatti li taw lok għal din ir-referenza mhumiex kontestati.  L-imputat jinsab akkużat quddiem il-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-13 ta' Awwissu 2019 u matul il-ġranet, ġimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data ġewwa l-Belt Valletta u f'dawn il-Gżejjer:

> *"Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 16 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma kuljum ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta bejn it-tmienja ta' filgħodu u s-sitta ta' filgħaxija (08:00hrs – 18.00hrs) u dan bi ksur tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Il-Qorti ntalbet sabiex:

> *"flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrivoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Keith Gravina, kif ukoll tordna li s-somma ta' ħamest* [recte: tlett] *elef (€3000) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta."*

L-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> *"(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:*
>
> *Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

*(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.*

*(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.*

*(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2)."*

Ir-reat li jipprospetta t-tieni sub-artikolu huwa punibbli b'piena ta' multa jew erba' xhur sa sentejn priġunerija jew il-multa u priġunerija flimkien u l-konfiska mandatorja favur il-Gvern tal-ammont stabbilit bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest kollu jew parti minnu.

Madanakollu, dakinhar illi saret din ir-referenza, l-artikolu 579(2) kien jiddisponi li l-ammont stabbilit bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest għandu jiġi konfiskat **<u>kollu</u>**. Għaldaqstant, qabel ma nbidlet il-liġi permezz tal-Att XXIX tal-2021, f'każ ta' sejbien ta' ħtija tar-reat li ġie mixli bih l-imputat, il-Qorti referenti ma setgħetx tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat in parte u mhux kollu. Dan qiegħed jiġi ċċarat in kwantu li jidher li l-bażi tal-ewwel kwistjoni ta' din ir-referenza huwa proprju dan il-punt.

**L-Ewwel Kwezit – Id-Dritt għal-Libertà u s-Sigurtà:**

A tenur tal-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni:

> *"Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin:*
>
> *...*
>
> *(d) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi; ..."*

Dan id-dritt huwa rifless ukoll fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea:

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
>
> *....*
>
> *(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;"*

Fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (it-Tieni Edizzjoni) l-awturi Harris, O'Boyle and Warbrick f'paġna 122 jgħidu hekk dwar dan l-artikolu:

> *"Article 5(1) protects the 'right to liberty and security of the person'. The notion of 'liberty' here covers the physical liberty of the person, which the Court views alongside Articles 2, 3 and 4 as 'in the first rank of the fundamental rights that protect the physical security of an individual'. The court's jurisprudence contains several statements affirming the paramount importance of the right to liberty in a democratic society, its relationship with the principle of legal certainty and the rule of law, and generally explaining that the overall purpose of Article 5 is to ensure that no one should be dispossessed of his liberty in an 'arbitrary fashion."*

Sabiex miżura tkun konformi mal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, mhuwiex biżżejjed illi tkun konformi mal-liġi domestika, imma trid tkun konformi mal-Konvenzjoni, inkluż il-prinċipji hemm espressi jew implikati (Pleso v Hungary tat-2 ta' Ottubru 2012). Il-prinċipji implikati li tagħmel referenza għalihom il-Qorti Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha li għandhom jigwidaw lill-Qorti fl-eżami ta' allegata leżjoni tal-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni jinkludu ċ-ċertezza legali, il-proporzjonalità u l-protezzjoni minn deċiżjoni arbitrarja (Simons v Belgium tas-6 ta' Settembru 2012).

L-awtriċi Karen Reid, fil-ktieb A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (it-Tieni Edizzjoni) tikkummenta hekk dwar l-importanza li jintlaħaq ir-rekwiżit fundamentali tal-proporzjonalità f'każijiet li jinkwadraw fit-tieni binarju tal-Artikolu 5(1)(b):

> "*This head of detention requires that a measure is taken to secure the execution of specific and concrete obligations. The obligation does not have to arise from a court order, but may also derive from the law per se, although it must be sufficiently specific and concrete … The aim of the detention must be to secure the fulfilment of the obligation, not to punish … Relying on McVeigh, the court has stated that a balance must be drawn between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation and the importance of the right to liberty, in which balance duration is a significant factor.*"

Kif diġà ntqal, l-artikolu 579(2) ġie emendat wara li saret din ir-referenza. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 579(2) kif kien jaqra dakinhar, f'każ ta' sejbien ta' ħtija ta' reat taħt dak l-artikolu, tkun xi tkun il-kundizzjoni li naqas milli josserva l-imputat, il-Qorti ma kellhiex għażla ħlief li tordna l-konfiska tal-ammont tal-garanzija fl-intier tagħha. Evidentament, li kieku l-Qorti referenti kellha tapplika fil-każ tal-lum l-artikolu 579(2) kif kien jaqra qabel l-emendi, fejn jidher illi l-imputat naqas milli jmur jiffirma l-għassa għal numru ta' ġranet, b'applikazzjoni tal-artikolu 585 u 586 tal-Kap. 9, dan seta' jwassal għall-riżultat

sproporzjonat bi ksur tal-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti referenti tagħmel referenza għall-tlett sentenzi, tnejn tal-Qorti Kostituzzjonali u waħda tal-Qorti Ewropea fejn instab ksur minħabba nuqqas ta' proprozjonalità fl-applikazzjoni tal-artikolu 579(1) u 586 tal-Kap. 9 kif kienu jaqraw dak iż-żmien.

Fil-każ ta' John Grima vs Avukat Ġenerali, tas-16 ta' Mejju 2011, il-Qorti Kostituzzjonali sabet ksur tal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni għaliex '*Biex jigu indirizzati l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg, din il-Qorti thoss li f'kaz ta' ksur ta' xi kundizzjoni imposta, il-Qorti Kriminali ghandha tinghata diskrezzjoni li tapplika l-Artikolu 579(1) in toto jew in parte skont il-gravita` tal-kaz*.'

Il-Qorti qieset li:

> "*Ghalkemm il-proviso ghall-Artikolu 579(1) jghid li t-telfien tal-garanzija ma joperax jekk il-ksur tal-kundizzjoni imposta "ma hiex ta' konsegwenza serja", ma tipprovdix lill-Qorti b'diskrezzjoni li timitiga l-ammont ta' telf skont ic-cirkostanzi tal-kaz. Diment li l-kaz jista' jkollu "konsegwenza serja", il-Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni "to fit the punishment to the offence", izda trid tordna l-konfiska tal-garanzija kollha, anke jekk dan iwassal ghal rizultat sproporzjonat. Kien fil-fatt dan in-nuqqas ta' proporzjon li waslet lill-Qorti Ewropeja ta' Gustizzja tqis dan l-artikolu drakonjan fil-kaz ta' Lawrence Gatt v. Malta, deciza fis-27 ta' Lulju 2010, fejn ma qablitx ma' sentenza li tat din il-Qorti fit-12 ta' Frar 2008, li f'cirkostanzi li jixbhu dawk ta' din il-kawza, kienet sabet xejn hazin fil-konverzjoni kif giet applikata f'dak il-kaz.*"

Fl-imsemmi każ ta' Gatt v Malta, il-Qorti Ewropea kienet qalet proprju hekk:

> "*The domestic authorities must strike a fair balance between the importance in a democratic society of securing compliance with a lawful order of a court, and the importance of the right to liberty. Factors to be taken into consideration include the purpose of the order, the feasibility*

> *of compliance with the order, and the duration of the detention. The issue of proportionality assumes particular significance in the overall scheme of things*."

Finalment, il-Qorti referenti tiċċita mill-każ ta' Matthew Bajada vs Avukat Ġenerali et, tas-27 ta' Ottubru 2017. F'dak il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti biss għal dak li għandu x'jaqsam mal-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti. Dwar il-mertu tal-każ, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "*Il-kejl ta' proporzjonalità kien appuntu dak li nstab li kien nieqes fl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) ghall-fattispecje tal-kaz ta' Lawrence Gatt, ta' John Grima kif ukoll tar-rikorrent f'dan il-kaz kif konstatat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.*
>
> ...
>
> *Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-applikazzjoni stretta tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) u tal-proviso tieghu, fil-kaz tar-rikorrent, ma jwassalx ghal dik il-proporzjonalità mehtiega biex mizura li tippriva l-libertà tal-individwu tkun wahda legittima ai termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Kif tajjeb irravvizat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wara li kkunsidrat l-insenjament tas-sentenzi fuq citati, ghandu jkun hemm gradwatorjetà fis-serjetà ossia gravità tad-diversi kundizzjonijiet li jkunu imposti fl-ordni fejn jinghata l-helsien mill-arrest, stante illi mhux kull kundizzjoni timmerita l-konsegwenza estrema prevista mill-Artikolu 579(1). Din il-Qorti zzid illi l-htiega li l-gudikant, fil-kaz ta' ksur ta' kundizzjoni ta' bail, ikollu diskrezzjoni li jiggradwa l-gravità tal-ksur tal-kundizzjoni fil-mizura konsegwenzjali li ghandha tigi imposta minghajr ma jkun marbut necessarjament li japplika l-konsegwenza kontemplata fil-proviso tal-istess Artikolu, hija essenzjali sabiex jintlahqu l-ghanijiet tal-Konvenzjoni. B'hekk jista' jigi evitat f'kull kaz in-nuqqas ta' proporzjonalità, kif fuq imfisser, bejn id-dritt tal-individwu ghall-libertà u n-necessità li jigi assigurat it-tharis ta' ordnijiet gudizzjarji u t-twettieq immedjat ta' obbligi legali."*

Filwaqt illi din il-Qorti taqbel mal-Qorti referenti li l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropea fil-każijiet suċitati kien isib applikazzjoni fil-każ tal-lum, dan kollu nbidel malli ġiet emendata l-liġi. A tenur tal-artikolu 27 tal-Kap. 9:

> *"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."*

Il-Qorti referenti sejra allura tapplika l-liġi kif taqra llum u għandha diskrezzjoni sabiex, f'każ ta' ħtija, ma tordnax il-konfiska tal-ammont kollu tal-garanzija. Dan ifisser li ma jistax jingħad *a priori* li d-deċiżjoni tal-Qorti referenti b'applikazzjoni tal-liġi kif taqra llum ser iwassal għal '*shocking disproportionality*' kif ravviżat mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Gatt v Malta. Huwa biss jekk din id-diskrezzjoni ma tiġix applikata korrettament li wieħed jista' jitkellem dwar ksur tal-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni.

Fuq kollox, f'dan l-istadju mhuwiex magħruf la jekk l-imputat hux ser jinstab ħati u lanqas (f'każ ta' ħtija) kemm ser ikun l-ammont konfiskat. Naturalment, mhuwiex magħruf ukoll jekk l-imputat hux ser iħallas jew hux ser jinżamm taħt detenzjoni.

**<u>It-Tieni Kwezit - L-Ebda Piena mingħajr Liġi:</u>**

L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jiddisponi li:

> *"1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*
>
> *2. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkunu saru, kienu kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati."*

Fil-fehma tal-Qorti, it-tqanqil ta' din il-kwistjoni huwa wkoll prematur fid-dawl tal-fatt li l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-imputat għadhom pendenti. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li sabiex ilment jiġi kkunsidrat taħt il-kappa tal-artikolu 7, jehtieg li jkun hemm sentenza ta' ħtija ta' reat kriminali. (Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Qorti Ewropea fil-każ fl-ismijiet Lukanov v Bulgaria tat-12 ta' Jannar 1995).

Fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights, f'paġna 332 jingħad proprju hekk:

> *"The wording of article 7(1) is limited to cases in which a person is ultimately "held guilty" of a criminal offence. A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7 – at least not by means of an individual application."*

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis illi huwa biss it-tieni sub-inċiż tal-artikolu 579 li joħloq reat in kwantu li l-ewwel sub-inċiż ta' dak l-artikolu jitkellem dwar meta l-imputat jitressaq quddiem l-istess Qorti li tkun akkordat il-ħelsien mill-arrest. Ladarba jeżisti biss reat wieħed u l-piena għal dak ir-reat hija dik li jippreskrivi t-tieni sub-inċiż, ma jistax jingħad illi ma ġiex sodisfatt '*the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7* bħal ma nstab fil-każ ta' Camilleri v Malta.

Din il-Qorti sejra għalhekk tħalli f'idejn il-Qorti referenti bħala l-Qorti kompetenti sabiex, fid-dawl tar-riżultanzi ta' din id-deċiżjoni, tirregola hi dwar kif għandhom jimxu 'l-quddiem il-proċeduri *de quo*, kif jippreskrivi l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li taħtu saret din ir-referenza.

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Keith Gravina fit-talba għal referenza kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna) vs Keith Gravina** li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, senjatament illi jistgħu jiġu mittiefsa d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 5(1) u 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea

dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fis-26 ta' Awwissu 2019 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Keith Gravina:

1. L-applikazzjoni legali tassattiva tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 579(2) **kif kien fis-seħħ dakinhar illi saret din ir-referenza kostituzzjonali** għall-ksur tal-kundizzjoni partikolari li jinsab mixli bih l-imputat, x'aktarx tista' twassal għal riżultat sproporzjonat bi ksur tad-dritt tal-imputat taħt l-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. F'dan l-istadju ma jistax jingħad jekk l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 579(2) **kif emendat permezz tal-Att XXIX tal-2021** fil-konfront tal-imputat huwiex ser jilledi d-dritt fundamentali tiegħu kif protett permezz tal-artikoli 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. F'dan l-istadju u ċioè peress illi għadu mhux magħruf jekk l-imputat hux ser jinstab ħati tal-akkuża miġjuba kontrih, ma jistax jigi determinat jekk huwiex ser jiġi mittiefes id-dritt tiegħu kif protett permezz tal-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni.

Għalhekk din il-Qorti qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif intqal f'din ir-referenza.

L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal nofs minn Keith Gravina u nofs mill-Avukat Ġenerali.

IMHALLEF

DEP/REG